MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2013

Avviz Numru. 329/2013

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 884/2013 fl-ismijiet:**

**Diane Falzon**

**vs**

**Alan Calleja**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Alan Calleja li gie pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Ottubru 2013 fejn talab lil din il-Qorti:

*"Illi bil-mandat fl-ismijiet premessi, is-sekwestranti Diane Falzon iffrizat il-paga tal-esponent mill-uniku impjieg tieghu mal-Melita plc. Huwa qed jircievi f'idejh €698.81 kull xahar; filwaqt li sal-lum giet depozitata fir-Registru s-somma ta' €3959.23.*

*Illi kif jidher mir-rendikonti annessi, minn dawn is-€698.81, il-Banif Bank qed jehodlu kull xahar €519.38 pagamenti fuq loans li ghandu tad-dar u tal-karozza (Dok. A u B). B'hekk l-esponent kull xahar qed jibqaghlu f'idejh <u>€179.43</u>.*

*Illi l-esponent jghix wahdu u jrid imantni lilu nnifsu. Inoltre, huwa u s-sekwestranti ghandhom tifel komuni, ta' sena, li prezentement jghix mas-sekwestranti u li dwaru hemm proceduri pendenti bil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Pendente lite, il-Qorti ordnat lill-esponent jghaddi lis-sekwestranti €200 fix-xahar ghall-manteniment tat-tifel, u nofs l-ispejjez ghas-sahha u l-edukazzjoni (ara digriet, 6 ta' Mejju 2013, Dok C).*

*Illi b'rizultat ta' dan is-sekwestru, l-esponent mhux ikollu bizzejjed biex ihallas dan il-manteniment. Minkejja li s-sekwestranti taf bis-sitwazzjoni kollha, hija diga' mexxiet bil-pulizija biex l-esponent jitressaq kriminalment talli mhux ihallasha l-manteniment.*

*Illi huwa evidenti li s-sekwestranti qed tabbuza mill-jeddijiet taghha b'dan is-sekwestru biex taghmel hsara lill-esponent. Huwa diga' offrielha li tiehu l-ghamara li tista' tittiehed, u jhallasha l-prezz tal-bqija, kollox kif talbet hija stess (Dok D), pero' sal-lum is-sekwestranti baqghet ma tat ebda risposta. Huwa offrielha wkoll li tiehu l-manteniment dovut skond id-digriet imsemmi mill-flejjes tieghu depozitati fl-atti ta' dan is-sekwestru. Effettivament, f'dawn l-ahhar xhur, l-esponenti ipprova jasal mas-sekwestranti fi transazzjoni fuq il-pendenzi kollha ta' bejniethom, pero' kollu ghalxejn.*

*Illi l-art. 382(1) tal-Kap. 12 jipprovdi li:*

*382. (1) Fil-kaz ta' salarju, paga, beneficcju, pensjoni jew allowance imsemmija fl-artikolu 381(1)(a) u (b), hlief ghal kull beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurta' Socjali, meta dawk jeccedu sitt mija u tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli ghall-gustizzja jista' minn zmien ghal zmien b'ordni jistabilixxi, il-hrug ta' mandat ta'*

*sekwestru jkun jghodd fuq dik il-parti li teccedi l-ammont imsemmi qabel:*

*Izda jekk id-debitur jaghmel rikors li fih juri ghas-sodisfazzjoni tal-qorti li huwa jkollu bzonn dak l-eccess je parti minnu ghall-manteniment tieghu jew ghall-manteniment tal-familja tieghu, il-qorti ghandha thassar il-mandat ta' sekwestru dwar dak l-eccess jew dik il-parti minnu, u wara hekk l-imsemmi mandat ghandu jitqies li jkun u li kien minghajr effett safejn ikun gie revokat:...*

*Illi kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni* ***Maria Carmela Xuereb vs Changel Xuereb Mulvanet et*** *(22 ta' Jannar 2013), u minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-kaz N****azzareno Vassallo vs Rosanne Zammit*** *(6 ta' Marzu 2013), 'il-procedura de quo hi ghalhekk intiza biex tesplora r-realta' ezistenzjali tar-rikorrenti biex jigi deciz jekk hux sewwa u gust li l-effett tas-sekwestru jkun dak limitattiv kif staturjament impost sal-limitu hemm koncess'.*

*Illi bl-ammont ta' €179.43 li qed jibqaghlu f'idejh, l-esponent mhux qed ikollu bizzejjed flus biex imantni lilu nnifsu, u qed ifittex l-ghajnuna finanzjarja tal-genituri tieghu biex ikampa. Inoltre, sab ruhu fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment tat-tifel skond l-ordni tal-Qorti, bil-periklu li jsib ruhu rinfaccjat b'akkuzi kriminali minhabba f'hekk. Ghalhekk jehtieg li din il-Qorti, skond l-art. 382(1) fuq citat, izzid l-ammont li l-esponent jircievi f'idejh kull xahar mill-paga ta' lanqas bl-ammont ta' €200 (ammont dovut minnu f'manteniment) ghal €898.81.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq spjegati, l-esponent jitlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:*

*(i) thassar, ai termini tal-ewwel proviso tal-art. 382(1) tal-Kap. 12, il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi ghall-ammont ta' €200 fix-xahar 'il fuq minn €698.81, b'kollox €898.81 fix-xahar, mill-paga tal-esponent;*
*(ii) tiddikjara li l-istess mandat kien minghajr effett safejn hekk revokat;*

*(iii) konsegwentement tawtorizza lir-rikorrenti, ai termini tal-istess artikolu, tizbanka s-somma ta' €1,200, mill-flejjes depozitat wara s-sekwestru fl-ismijiet premessi, bi hlas tal-manteniment dovut skond id-digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fis-6 ta' Mejju 2013 sal-lum."*

Rat ir-risposta ta' Diane Falzon datata 25 ta' Novembru 2013 fejn eccepiet is-segwenti:

1. Din hija risposta ghar-rikors ta' Alan Calleja datat 22 ta' Ottubru 2013 li jgib ir-riferenza 329/2013.
2. Fl-ewwel lok l-istanti thoss illi ghandha iggib a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti diversi fatti illi r-rikorrenti Alan Calleja jew nesa jsemmi jew konvenjentement iddecieda li jhalli barra. Dawn huma:

a. Il-mandat odjern gie intavolat in kawtela tad-drittijiet tal-esponenti kif vantati fil-kawzi fl-ismijiet premessi pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament peseduta (Avviz Numru 95/13MF) u quddiem it-Tribunal Ghat-Talbiet Zghar (Talba Numru 224/2013 NHV).
b. Ir-rikorrenti Calleja iddikjara bil-gurament tieghu quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) illi huwa ghandu qliegh nett komplessiv ta' €1,450 fix-xahar (Dok DF1). Imnaqqsa medja ta' €518 illi s-sekwestratarja Melita plc tiddeposita taht l-awtorita' ta' din l-Qorti (Dok DF2) u mnaqqsa s-somma ta' Euro 519.38 f'pagamenti mensili kontra s-self tar-rikorrenti Calleja, ikun ifisser illi r-rikorrenti Calleja jibqaghlu s-somma ta' €412.62 fix-xahar ghas-sussistenza tieghu, figura din, ferm 'l boghod minn dik ta' €179.43 imsemmija minn l-istess Calleja. Huwa ghalhekk evidenti illi xi hadd ma hux ikun onest ma' din l-Onorabbli Qorti.
c. Mid-data tad-digriet ta-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), ir-rikorrenti Calleja la issominsitra il-manteniment dovut lill-istanti u wisq inqas sehem mill-ispejjez edukattivi u medici inkorsi ghall-beneficcju tal-minorenni Lylan Calleja, dan minkejja illi kif jidher car mill-paragrafu precedenti qieghed f'posizjoni illi jaghmel dan. L-esponenti tirrileva illi fl-isfond ta' dak li nghad sa issa, il-kwereli taghha mal-pulizija esekuttiva mhux biss kienu legittimi izda ghal kollox necessarji.

d. Permezz ta’ digriet datat 17 ta’ Gunju 2013, din l-Onorabbli Qorti ghamlet il-posizjoni taghha cara fir-rispett tal-validita tal-mandat odjern (Dok DF3). Ma jehtiegx ghalhekk illi jigu investiti argumenti ulterjuri dwar l-allegazzjoni pwerili illi l-istanti qieghda tabbuza minn xi jedd.
e. Ir-rikorrenti Calleja offra l-ghamara mertu tal-avviz bin-numru 95/2013MF permezz ta’ ittra esebita mar-rikors ta’ l-istess Calleja mibghuta fis-16 ta’ Ottubru 2013. L-istanti wiegbet ghal din l-ittra permezz ta’ ittra datata 22 ta’ Ottubru 2013 (Do DF4). Ir-rikorrenti Calleja, izda minkejja din l-ahhar ittra ghazel li jiddeposita parti mill-ghamara in kontestazzjoni taht l-awtorita ta’ din il-Qorti fil-5 ta’ Novembru 2013 (Dok DF 5), agir dan, li l-istanti tistqarr li assolutament ma tistax tifhmu.
3. Fit-tieni lok l-istanti sejra tindirizza t-talbiet tar-rikorrenti serjatim.
4. Fir-rispett tal-ewwel talba u tenut kont tal-pemess jidher car illi t-test tal- htiega provdut mill-proviso tal-artikolu 382 tal-Kap 12 mhux sodisfatt; ghaldaqstant din it-talba ghanda tigi michuda. It-tieni talba, qua konsegwenzjali ghall-ewwel, ghandha, ghall-istess ragunijiet tigi michuda.
5. Dwar it-tielet talba, l-istanti tiddikjara illi tinsab lesta kif del resto diga’ dikjarat minnha fl-ittra tat-22 ta’ Ottubru 2013 tizbanka l-arretrati tal-manteniment dovut lilha, ghan-nom ta’ binha ai termini tad-digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fis-6 ta’ Mejju 2013 illum ammontanti ghal €1,400. Forsi mhux b’sorpriza ir-rikorrenti Calleja naqas milli jsemmi s-somma ta’ €421.27 dovuti lill-istanti versu spejjez edukattivi u medici ai termini ta’ l-istess digriet.

Rat in-nota ta’ Alan Calleja pprezentata fl-atti bil-visto tal-kontro-parti nhar id-9 ta’ Dicembru 2013 li permezz taghha ipprezenta l-payslips u l-istatement tal-kont bankarju fejn jircievi l-paga mid-data tal-hrug ta’ sekwestru fl-ismijiet premessi sa llum (Dok X u Y).

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan ir-rikors fis-seduta tal-11 ta’ Dicembru 2013 u semghet lill-istess partijiet jirrimettu

ruhhom ghall-atti u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghad-digriet finali taghha dwar ir-rikors promotur.

**Ikkunsidrat:**

Illi bhala fatti jirrizulta u dan minn ezami mill-pay slips li gew mahruga mis-socjeta' Melita Plc li gew ipprezentati minn Alan Calleja li huwa jaqla media ta' circa ewro 1450 fix-xahar bhala paga (skond Dok DF1). Dan il-fatt ma giex kontestat u ma jidhirx almenu mid-dokumentazzjoni ohra li huwa ghandu xi dhul iehor salv ghal xi interessi de minimis bankarji. Issa jidher ukoll li r-rikorrenti ipprezentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghas-somma ta' disat elef, u hamsa u disghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€9,095.43) nhar l-10 ta' April 2013 u dan gie notifikat lis-sekwestratarji banek fosthom il-Banif Bank u s-socjeta' Melita plc. Minn ezami ta' l-istatements bankarji esebiti li wkoll ma gewx kontestati jidher li l-paga ta' l-intimat qed tigi mibghuta lill-Bank b'direct debit. Pero' qabel ma tigi hekk depositata fil-kont tal-intimat, is-socjeta' Melita qed taqta' minnha is-somma ta' sitt mija u tlieta u tletin ewro u hdax-il centezmu (€633.11) u din is-somma qed tigi depositata permezz ta' cedola ta' deposito l-Qorti mensilment. Konsegwenement l-intimat ghandu jircievi mill-paga tieghu mensilment is-somma ta' tmien mija u sittax-il ewro u disgha u tmenin centezmu (€816.89) pero' skond l-istatements tal-bank qed tigi depositata s-somma ta' sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) li fil-fatt qed tigi wkoll maqbuda b'effett ta' dan l-istess mandat ta' sekwestu kawtelatorju numru 884/2013.

Illi in oltre jirrizulta wkoll li effettivament l-intimat ghandu xi obbligu kuntrattwali mal-bank fis-sens li jrid ihallas lill-bank l-ammont ta' sitt mija u erbgha u ghoxrin ewro u sitta u disghin centezmu (€624.96) mensilment, liema somma qed tigi migbuda direttament mill-Bank. Jidher ukoll li ghalhekk f'idejh qed jibqaghlu ftit flus li zgur li ma jistax jghix bihom. M'hemmx dubbju li ghandu obbligi ohrajn kif qal hu stess u cioe' li jghaddi il-manteniment lir-rikorrenti ghall-wild li huma ghandhom in komuni.

Bhala fatti ma jidhirx li huma kontestati ghalkemm fin-nota responsiva taghha l-intimata tghid li r-rikorrent ghamel xi kalkoli matematici hazin dwar dak li jibqghalu f'idejh mill-introjtu tieghu.

**Kunsiderazzjoni legali.**

**L-artikolu 381(1)(a) u (b)** li fuqu hu imsejjes ir-rikors in kwistjoni jiddetta:

**381,** (1) *Ma jistghux jinhargu mandati ta' sekwestru fuq –*
(a) *salarju jew paga (maghdudin il-bonus, allowances,overtime u hlasijiet ohra);*
(b) *beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurta' Socjali jew pensjoni jew allowance ohra ta' persuna li tinhargilha pensjoni minghand il-Gvern;*

Illi dan l-artikolu huwa ta' natura eccezzjonali u fil-kaz ta' pagi huwa ikkwalifikat bl-Artikolu 382 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jigi specifikat li l-**Artikolu 381(1)(a)** huwa limitat biss bl-ammont tas-sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€ 698.81) fix-xahar.

Dan l-artikolu huwa applikabbli meta s-sekwestrarji ikunu l-employers u/jew dipartiment u ma hux applikabbli meta is-sekwestrarji ikunu il-banek. Dan ghaliex hekk kif flejjes jigu depozitati f'kont bankarju huma jigu meqjusa bhala depozitu kummercjali u b'hekk nonostante l-fatt li jistghu ikunu pensjoni/paga/allowance/ghajnuna, hekk kif jigu depositati huma jitilfu in-natura taghhom bhala tali u jigu meqjusa bhala depozitu bankarju;

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif ippresjeduta, liema sentenza nghatat fit-2 ta' Novembru 2011 – Avviz Nru 314/2011 – Mag JAB – fl-ismijiet '***Joseph Camilleri vs Jesmond Pulis u Lorry Theuma'*** **–** fejn dik l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati cahdet rikors simili ghal dak odjern u sostniet:

*"Illi jidher li hu minnu li s-sekwestru ma sarx fuq il-pensjoni tar-rikorrenti li hu jircievi minn Gvern barrani izda fuq l-uniku kont bankarju li skond ir-rikorrenti, jipposjedi. Sfortunatament jidher li l-istess pensjoni tigi depositata direttament fl-istess kont u ghalhekk tigi soggetta ghall-mandat in esami. Minhabba f'hekk, ma hemm ebda raguni valida fil-ligi li a bazi taghha tista' tilqa' t-talbiet maghmulin mill-istess rikorrenti".*

Ara wkoll sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-27 ta' Marzu 2009 – Appell Civili Numru 406/2008 fl-ismijiet **'Tabib Principali tal-Gvern vs Hazel Pannel'** fejn il-Qorti tal-Appell sostniet is-segwenti:

*'Terga', din il-kontroversja, qajla ticcentra fil-kwestjoni li l-Qorti ghandha quddiemha. L-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru kkolpixxa f'dan il-kaz il-kont bankarju ta' l-appellanti. Dak il-kont huwa awtonomu mill-fonti tal-flejjes depozitati fih u, allura, strettament **l-Artikolu 381** tal-ligi ma jistax lanqas ikollu applikabilita'.*

Li kieku kellu jigi ragunat mod iehor ikun ifisser illi l-ebda mandat ta' sekwestru ma jkun jista' jigi servut f'idejn il-banek jew dan ikollu effett fejn il-kontijiet tad-debitur jkunu jikkonsistu minn depoziti ta' salarji, paga, pensjonijiet jew flejjes ohra ghal liema tipprovdi l-elenkazzjoni fil-predett artikolu. Dan certament mhux dak li tghid jew trid il-ligi tant li f'din l-istess elenkazzjoni mkien ma huma annoverati d-depoziti bankarji, hu x'inhu s-sors taghhom. Mhux lecitu, allura, li, kif esprimew id-decizjonijiet succitati, il-qaghda tas-sekwestru de quo tigi estiza oltre dawk l-ezenjonijiet partikolarment dettati f'dak l-artikolu. Isegwi anke minn dan illi dak akkampat mill-appellanti huwa sostanzjalment inaccettabbli u guridikament insostenibbli.

Illi in principju a bazi ta' dawn is-sentenzi ebda ordni ma tista tinghata minn din il-Qorti fil-konfront ta' dawk il-flejjes li kienu depozitati go kontijiet bankarji u li gew maqbuda bis-sekwestru de quo, nonostante l-fatt li setghu kienu pagi jew pensjoni. Dan anke fid-dawl ta' dak li qalet il-Qorti tal Appell (Sede Inferjuri) fis-27 ta' Marzu 2009 – Appell Civili Numru 406/2008 fl-ismijiet **'Tabib Principali**

**<u>tal-Gvern vs Hazel Pannel</u>*'*** fejn il-Qorti tal-Appell sostniet *'illi kull*
*disposizzjoni singola prevvista mill**-Artikolu 381** ma tistax tigi estiza oltre il-kazijiet f'dan l-istess artikolu espress'**.***

Illi b'referenza ghall-proviso tal-**artikolu 382** tal-Kap 12 li jipprovdi li "*jekk id-debitur* (li f'dan il-kaz huwa Alan Calleja) *jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li ghandu bzonn dak l-eccess jew parti minnu ghall-manteniment tieghu jew ghall menteniment tal-familja tieghu, il-Qorti ghanda <u>thassar</u> il-mandat ta' sekwestru dwar dak l-eccess jew dik il-parti minnu u wara hekk l-imsemmi mandat ghandu jitqies li jkun u li kien minghajr effett safejn ikun gie revokat.*"

Jinghad li dan il-proviso japplika ghal dawk il-flejjes li qed jigu milquta mill-paga tar-rikorrenti u mhux ghall-flejjes l-ohra li huma depositati fil-kont bankarju. Illi l-Qorti rat li wara li s-socjeta' Melita plc tiddeposita il-Qorti is-somma ta' sitt mija u tlieta u tletin ewro u hdax-il centezmu (€633.11) mill-paga tar-rikorrenti odjern, ir-rikorrenti qed jibqghalu bizzejjed biex jghix u jrid ikun l-istess rikorrenti li jara kif ghandu jindirizza il-*commitments* l-ohra li ghandu jekk b'dak li jibqghalu ma jistax jghix bihom. **Ghalhekk l-ewwel zewg talbiet qed jigu michuda.**

**Il-Qorti pero' tilqa it-tielet talba tar-rikorrenti sabiex Diane Calleja tirtira is-somma ta' elf u mitejn ewro (€1,200) mill-flejjes depozitati l-Qorti wara is-sekwestru fl-ismjiet premessi bi hlas tal-manteniment dovut skond id-digriet tas-6 ta' Mejju 2013.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura ghanda tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------